

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 126/2008

tas-7 ta' Novembru 2008

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 ⁽¹⁾.
- (2) Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jstabilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 472/2008 tad-29 ta' Mejju 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tal-ewwel sena bażi li għandha tiġi applikata għas-serje ta' żmien fin-NACE Reviżjoni 2 u, għas-serje ta' żmien qabel l-2009 li għandha tiġi trażmessa skont in-NACE Reviżjoni 2, il-livell ta' dettall, il-forma, l-ewwel perjodu ta' referenza, u l-perjodu ta' referenza ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2008 tas-26 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 831/2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika Komunitarja, rigward l-aċċess għal dejta kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Regolament (KE) Nru 451/2008 iħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 ⁽⁵⁾, li huwa inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) It-test tal-punt 20b (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"32008 R 0451: Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2008 li jstabilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 (OJ L 145, 4.6.2008, p. 65)."

⁽¹⁾ ĠU L 309, 20.11.2008, p. 37.

⁽²⁾ ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65.

⁽³⁾ ĠU L 140, 30.5.2008, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 166, 27.6.2008, p. 16.

⁽⁵⁾ ĠU L 342, 31.12.1993, p. 1.

(2) Il-punt li jmiss għandu jiddaħħal wara l-punt 2c (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006):

“x2d. **32008 R 0472**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 472/2008 tad-29 ta' Mejju 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward ta' l-ewwel sena bażi li għandha tiġi applikata għas-serje ta' perjodi fin-NACE Reviżjoni 2 u, għas-serje ta' perjodi qabel l-2009 li għandha tiġi trażmessa skont in-NACE Reviżjoni 2, il-livell ta' dettall, il-forma, l-ewwel perjodu ta' referenza, u l-perjodu ta' referenza (ĠU L 140, 30.5.2008, p. 5).”

(3) L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 17b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002):

“— **32008 R 0606**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2008 tas-26 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 166, 27.6.2008, p. 16).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 451/2008, 472/2008 u 606/2008 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-8 ta' Novembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima u fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' Novembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(*) M'hum indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.